# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-3 ta' Mejju 2018 – SB vs EUIPO**

**(Kawża T-200/17)**

"Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid – Eċċezzjoni ta' illegalità – Obbligu ta' motivazzjoni – Dmir ta' premura – Diskriminazzjoni bbażata fuq l-età"

1. *Rikorsi tal-uffiċjali – Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment – Effett – Qorti adita bl-att ikkontestat – Eċċezzjoni – Deċiżjoni li ma għandha ebda natura konfermattiva*

   *(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

   *(ara l-punt 17)*

2. *Rikorsi tal-uffiċjali – Ilment amministrattiv li għandu jitressaq qabel – Konkordanza bejn l-ilment u r-rikors – Identiċità tas-suġġett u tal-kawża – Eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba fil-kuntest tar-rikors – Ammissibbiltà*

   *(Regolamenti tal-Persunal, Artikoli 90 u 91)*

   *(ara l-punt 26)*

3. *Uffiċjali – Ugwaljanza fit-trattament – Kunċett – Limiti*

   *(Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, Artikolu 8)*

   *(ara l-punti 32 sa 34, 38)*

4. *Uffiċjali – Deċiżjoni li tikkawża preġudizzju – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata*

   *(Artikolu 296 TFUE; Regolamenti tal-Persunal, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 25)*

   *(ara l-punti 41, 42)*

5. *Rikorsi tal-uffiċjali – Motivi – Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni – Motiv distint minn dak li jirrigwarda l-legalità fuq il-mertu*

   *(Regolamenti tal-Persunal, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 25)*

*(ara l-punti 54, 59)*

6. *Uffiċjali – Membri tal-persunal temporanju – Reklutaġġ – Tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat – Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni – Dmir ta' premura tal-amministrazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-membru tal-persunal ikkonċernat – Limiti*

   *(Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, Artikolu 8)*

   *(ara l-punti 64 sa 67, 76)*

7. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Ugwaljanza fit-trattament – Diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Projbizzjoni*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 21(1); Direttiva tal-Kunsill 2000/78, Artikolu 2)*

   *(ara l-punt 85)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO tat-2 ta' Ġunju 2016 li tirrifjuta li jsir it-tieni tiġdid tal-kuntratt tar-rikorrenti kif ukoll tad-deċiżjoni ta' dan id-direttur tad-19 ta' Diċembru 2016 li tiċħad l-ilment imressaq minnha.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) SB hija kkundannata għall-ispejjeż.